MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1003/2003

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghhom Malcolm u Mary Bonnici skond il-ligi u skond il-polza numru N021738**

**Vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm328.81), hsarat li saret fuq il-propjeta tal-assigurat tas-socjeta attrici b'rizultat ta' power surge li sehh fil-11 ta' Lulju 2002 u ghal liema hsara hija responsabbli l-Korporazzjoni konvenuta u ghal liema danni l-assigurat gie kkumpensat mis-socjeta attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-Korporazzjoni konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha x-xhieda ta’ Malcolm Bonnici u Mary Bonnici.

Ra d-dokumenti kollha.

Mill-provi rrizulta li saret hsara fil-propjeta ta’ l-assigurat ta’ l-atturi meta fil-11 ta’ Lulju 2002 kien hemm *power surge* fl-elettriku. Il-Korporazzjoni konvenuta ma ressqet l-ebda prova li biha setghet tiskolpa ruhha mir-responsabbilta.

Irrizulta wkoll li s-socjeta attrici hallset ghad-danni sofferti mill-assigurat taghha u li gew sodisfacentement ippruvati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas is-somma ta’ tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm328.81), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-Korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------